**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

**14 ta' Novembru, 2021**


# ALLA JIPPROVDI PERMEZZ TAGĦKOM

Illum xtaqt niżżik ħajr lil kull min ta u qiegħed jagħti sehmu hawnhekk fil-komunità parrokkjali. Għandna mijiet ta' persuni li għall-grazzja t'Alla jafu li bil-magħmudija ħadu rwol ta' missjunarji fil-Knisja. Għandna ħafna li għarfu li l-Knisja hija aħna. Dawn il-persuni jagħtu ħajja lill-komunità, qishom dak l-ilma tal-ħajja li jitla' bil-mod mill-għeruq għal ġol-frieghi u l-weraq tas-siġra.

Illum ridt nirringrazzja b'mod partikulari lil dawk li jgħinu billi jipprovdu l-għajnuna finanzjarja lill-Knisja. Matul is-sena aħna nagħmlu ġbir għall-karità, għall-missjoni, għall-manutenzjoni tal-knisja u affarijiet oħrajn.

Nixtieq nirringrazzja lil kulħadd għall-ġabra li saret għall-missjonijiet, li dis-sena telgħet għal €9,206.58. Din l-offerta tagħkom turi fejn hi l-qalb tal-Insara tagħna. Minkejja l-ħsara u l-isem ħażin li ħadna b'dik l-azzjoni riċenti meta raġel imweġġa' tħalla fit-triq, irridu ngħidu li l-Malti ma tilifx il-qalb li wera ma' Pawlu Missierna.




Fil-ġranet li għaddew fl-Uffiċċju sar rendikont ta' kemm intefqu flus mill-2019 sa Ottubru li għadda fir-restawr tas-saqaf tal-knisja. L-ispiża s'issa telgħet għal €88,740.80, inklużi x-xogħol li sar fuq il-kupletti. L-ikbar nefqa kienet dik għall-kiri tal-iscaffolding li s'issa telgħet għal 'il fuq minn 37 elf ewro. Jiġifieri fi ftit aktar minn sentejn intefqu kważi disgħin elf ewro biex il-patrimonju ta' dan it-tempju jinżamm f'kundizzjoni tajba. U dawn il-flus kollha mnejn ġew? Ġew minn dak li ħallew xi benefatturi u wkoll mill-kontribuzzjonijiet kontinwi li intom tagħtu fil-ferta, fin-niċeċ, fil-fundraising u billi twasslu l-offerti tagħkom bl-iktar mod diskret u mingħajr daqq ta' trombi.

In-nefqa totali għall-bini taċ-ċimiterju u xogħol ta' finishing fih, mill-2007 sa Settembru 2021 issa għaddiet il-miljun u nofs ewro. Jekk il-parroċċa tbigħ 34 qabar ieħor inkunu daħħalna l-ispejjeż kollha li ħarġu.

Tajtkom dan il-ftit tagħrif biex taraw kemm Alla jipprovdi, anke permezz tagħkom. Il-Mulej ibierek lil min jagħti minn qalbu.

***L-Arċipriet Jimmy Xerri***

**AVVIŻI:**

**LAQGĦA TA' TALB FUQ L-ISPIRITWALITÀ TA' DUN MIKIEL ATTARD:** nhar l-Erbgħa li ġej, 17 ta' Novembru, fil-knisja Bażilika u tibda fis-6:00pm. Se titmexxa minn Dun Gerard Buhagiar, Rettur tas-Santwarju ta' Pinu. Hu se jkellimna fuq l-imħabba li kellu Dun Mikiel lejn il-Madonna ta' Pinu u s-Santwarju tagħha. Kulħadd huwa mistieden. Tkun imxandra wkoll diretta fuq *Mnarjalive*.

**L-GĦAQDA DUN FRANĠISK GRIMA:** tavża li nhar il-Ħamis 18 ta' Novembru se tmur Marsalforn. Inżuru l-kappella tal-Patroċinju, l-Għasri. Nitilqu fid-9:30am minn quddiem iċ-Ċentru. Min hu interessat importanti li jċempel lil Tonina Sammut fuq 21553041.

**L-GĦAQDA ARMAR DIĊEMBRU 13:** se torganizza quddiesa għall-benefatturi u membri mejtin nhar il-Ħamis li ġej, 18 ta' Novembru, fil-kappella ta' Kenuna fis-7:00pm. Kulħadd huwa mistieden.

**IS-SAQAF TAL-KNISJA:** kif tafu, bħalissa qegħdin nagħmlu ħafna xogħol ta' restawr fis-saqaf tal-knisja. Issa tlestiet fażi oħra u jmiss li jintrema parti oħra tas-saqaf bl-iscaffolding, filwaqt li tinħatt il-parti li hemm bħalissa. Jekk jibqgħalna xi ħaġa mill-ġabra tal-festa ta' San Koronatu, din tmur għar-restawr.

**IKLA TAL-MILIED:** il-grupp ta' Dun Franġisk Grima qed jorganizza ikla għall-anzjani fis-16 ta' Diċembru li ġej, f'nofsinhar. Akkwistaw kopja tal-menu mingħand Tonina Sammut (21553041) jew mingħand Joe Said (21556889). Prezz tal-ikla €15.

**ID-DAR TAL-ANZJANI F'SAN LAWRENZ:** qed toffri servizz biex tgħin lil dawk il-persuni li jieħdu ħsieb morda u anzjani fir-residenzi privati. Xi drabi jiġri li l-qraba tal-istess morda u anzjani jkollhom huma stess jirkupraw saħħithom. Għal mumenti bħal dawn, li jkunu għal ftit jiem jew ġimgħat, id-dar ta' San Lawrenz toffri li żżomm xi morda u anzjani fid-dar tagħha sakemm il-qraba jirkurpraw saħħithom.

**IL-KUMITAT TAL-BANDA:** se jorganizza high tea kbir nhar it-Tlieta 16 ta' Novembru fil-Każin tal-Banda. Jibda fis-7:00m.

**ĦARSIEN U KURA:** il-bniedem għandu intelliġenza biżżejjed biex jgħix hu u jibża' għar-riżorsi u l-ħlejjaq ħajjin. Imma jekk se noqogħdu npaċpċu mingħajr ma nagħtu kas tal-previżjonijiet, nirriskjaw li għada wliedna jgħixu f'deżert.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am